

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professionist Legali](#) > [Tradutturi/Interpreti Legali](#) > Finland

Tradutturi/Interpreti legali

Il-kontenut ipprovdut minn
Finlandja

Finlandja



Din il-paġna tipprovd i gwida dwar kif issib interpretu legali jew traduttur awtorizzat fil-Finlandja.

Il-Bord Nazzjonali tal-Edukazzjoni jżomm regjistru tal-interpreti legali li fihom jiddaħħlu l-interpreti legali approvati mill-bord tar-Regjistru tal-Interpreti Legali. Ir-regjistru pubbliku fih biss informazzjoni dwar l-interpreti li aċċettaw li tiġi ppubblikata d-*data* tagħhom.

Il-Bord ta' Eżaminazzjoni tat-tradutturi awtorizzati jżomm regjistru ta' tradutturi awtorizzati.

Liema informazzjoni hija disponibbli mill-bażijiet tad-*data* tal-Finlandja għall-interpreti u t-tradutturi?

[Ir-Regjistru tal-Interpreti Legali](#) jipprovd i l-isem tal-interpretu, il-kombinazzjoni lingwistika tiegħu u ż-żona ġeografika fejn ikun attiv. Ir-regjistru pubbliku tal-interpreti legali fih biss informazzjoni dwar l-interpreti li aċċettaw li tiġi ppubblikata d-*data* tagħhom fuq l-internet.

[Ir-Regjistru tat-Tradutturi Awtorizzati](#) jipprovd i l-isem tat-traduttur, il-muniċipalità tar-residenza tiegħu u l-lingwi li jista' jittraduċi minnhom jew fihom bħala traduttur awtorizzat.

L-aċċess għall-bażijiet tad-*data* Finlandiżi dwar l-interpreti u tradutturi huwa mingħajr ħlas?

Iva, l-aċċess kemm għar-regjistru tal-interpreti legali kif ukoll ir-regjistru tat-tradutturi awtorizzati huwa mingħajr ħlas.

Kif tfittex interpreti legali u tradutturi awtorizzati fil-Finlandja?

Tista' tfittex interpreti u tradutturi fir-reġistri billi tuża l-kriterji ta' tiftix li ġejjin:

- il-kombinazzjoni lingwistika
- l-isem tat-traduttur jew tal-interpretu

Tista' tfittex ukoll skont il-provinċja fir-regjistru tal-interpreti legali.

Links

Regjistru ta' interpreti legali: <https://oikeustulkkirekisteri.opintopolku.fi>

Regjistru ta' tradutturi awtorizzati: <https://akr.opintopolku.fi/akr/etusivu>

L-aħħar aġġornament: 08/12/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni

Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.